**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 30 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1707/00 AJD*

Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha James Mizzi sija bil-polza u sija bil-ligi

vs

Joseph Vella

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Ottubru, 2000, fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm229.00) rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident awtomobilistiku tal-14 ta' Gunju, 1998, fi Triq il-Kampanella, Fgura, bejn il-vettura numru BAU 736 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru FAA 493 misjuqa minn u propjeta' tal-assikurat James Mizzi, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes u bl-imghax, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa preskritt ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta' attrici kontra

l-eppicjent ghandha tkun respinta bl-ispejjez stante illi l-eccipjent ma kellu ebda htija fl-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa esagerat u ma jirrispekkjax id-danni kagjunati fil-vettura FAA 493 misjuqa minn u propjeta' ta' l-assikurat James Mizzi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra s-sentenza tas-17 ta' April, 2001, fejn giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Mark Asciak, Sharon Montesin, PS 1439 John Tabone, James Mizzi, Natalino Agius, tal-konvenut Joseph Vella u ta' Charles Higgans.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2001, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Gunju, 1998, fi Triq Kampanella, il-Fgura, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAA 493 misjuqa minn James Mizzi, l-assikurat tas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAU 736 misjuqa mill-konvenut Joseph Vella.

2. Illi James Mizzi xehed li fid-data tal-incident kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni FAA 493 fi Triq il-Kampanella, Fgura, meta tul ta' zewg karozzi l-boghod minnu ra karozza hierga minn 'parking space'. Huwa ghafas il-'brake' sabiex jipprova jevita din il-vettura, izda inutilment. Huwa qal ukoll li t-triq in kwistjoni hija dejqa u li kien hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq. James Mizzi qal ukoll li kien ghaddej bi 'speed' normali ghall-lokalita' in kwistjoni u cioe' madwar 35 kilometru fis-siegha u li ma kienx mghaggel. Huwa spjega wkoll li l-'brake marks' ta' 15 il-metru indikati fl-iskizz ma kienux kollha tieghu.

3. Illi l-konvenut Joseph Vella min-naha l-ohra xehed li l-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni BAU 736 kienet parkeggjata fi Triq Kampanella, l-Fgura, huwa qala' mill-'parking space', hares fil-mera tal-gemb u l-mera ta' quddiem sabiex jara humiex gejjin vetturi, u meta ra li ma kienux gejjin vetturi, qala' mill-'parking'. Meta qala' cirka nofs pied il-barra mill-bankina ra karozza tiela bis-sahha u waqaf, izda din il-vettura laqtitu fuq il-'mudguard' ta' quddiem.

4. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut Joseph Vella kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza stante illi huwa ma zammx 'proper lookout' qabel ma ttenta jaqla' minn 'parking space' biex b'hekk holoq emergenza lil James Mizzi li kien qed jipprocedi ghall-affari tieghu fi Triq Kampanella. Il-konvenut xehed li huwa kellu vizwali fit-tul mill-mera tal-gemb fid-direzzjoni li minnha kien gej James Mizzi u ghalhekk jidher li l-istess konvenut naqas milli jesplora t-triq sew sabiex jaccerta ruhu li seta' jaqla' mill-post fejn kien ipparkeggjat. Huwa prova jallega li James Mizzi kien qed isuq b'velocita' eccessiva izda dan ma jirrizultax ghaliex James Mizzi xehed li kien qed isuq b'velocita' ta' 35 kilometru fis-siegha u l-'brake marks' ta' 15 il-metru li huwa halla effettivament jindikaw din it-tip ta' velocita'.

5. Illi fit-tielet eccezzjoni tieghu, il-konvenut jikkontesta wkoll il-quantum tad-danni sofferti mis-socjeta' attrici. Huwa xehed li l-hsara fil-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici kienet fil-'mudguard' u l-'indicator' tan-naha tax-xufier. Skond il-konvenut, ma kien hemm ebda hsara mal-gemb tan-naha tal-lemin u fuq wara tal-vettura ta' James Mizzi. Charles Higgans, xhud prodott mill-konvenut, wkoll xehed li l-hsara fil-vettura ta' Mizzi kienet tikkonsisti f'ghafsa fil-'mudguard' ta' quddiem, fl-'indicator' u brix fil-'bumper' ta' quddiem fuq in-naha tas-sewwieq.

6. Illi James Mizzi xehed li l-hsara fuq il-vettura tieghu kienet fuq in-naha tal-lemin fil-'mudguard', 'indicator', 'side indicator', 'right headlamp', fil-'bumper', girfa mal-gemb kollu u 'tail lamp' imxaqqa.

7. Illi Natalino Agius prodott mis-socjeta' attrici, ikkonferma li huwa kien spezzjona l-vettura ta' Mizzi kif inkarigat mis-socjeta' attrici, u kien hejja 'survey report', liema 'survey report' jinsab esibit a fol. 15 tal-process. Minn dan is-'survey report' jirrizulta li l-hsara fil-vettura ta' Mizzi kienet fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin u fuq wara fuq l-istess naha. Il-'parts' li kellhom jinbidlu kienu t-'tail lamp' tal-lemin, l-'indicator' ta' quddiem tan-naha tal-lemin, il-mera tal-lemin, u l-'headlamp' tal-lemin. Il-prezz tal-'labour' kien jammonta ghal madwar hamsa u tletin lira Maltin (Lm35.00), il-prezz tal-ispray huwa ndikat bhala sebghin lira Maltin (Lm70.00) u l-prezz ghal-'bumper repair' huwa stmat mis-'surveyor' bejn hmistax il-lira Maltin (Lm15.00) u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00).

8. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-hsara fuq wara tal-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici m'hijiex kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza u probabilment ma gietx kawzata fl-istess incident. Il-konvenut m'ghandux ghalhekk ihallas dawn id-danni ta' fuq in-naha ta' wara tal-vettura ta' Mizzi stante li l-istess danni ma setghux gew ikkawzati minnu.

9. Illi minn ezami tas-‘survey report’ u tal-ircevuti esibiti mis-socjeta’ attrici, ma kienx possibbli li wiehed jiddentifika b’mod preciz kemm kienu jammontaw id-danni fuq in-naha ta’ wara tal-vettura tal-assikurat tas-socjeta’ attrici u t-Tribunal qieghed ghalhekk jillikwida d-danni fuq in-naha ta’ wara arbitrio boni viri fl-ammont ta’ erbghin lira Maltin (Lm40.00).

10. Illi d-danni l-ohra reklamati mis-socjeta’ attrici jidhru li jirriflettu d-danni kawzati fl-incident tal-14 ta’ Gunju, 1998, u ghalhekk it-Tribunal qed jillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici bhala konsegwenza tal-incident tal-14 ta’ Gunju, 1998, fl-ammont ta’ mija u disgha u tmenin liri Maltin (Lm189.00).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-14 ta’ Gunju, 1998, jillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ mija u tmienja u disghin liri Maltin (Lm189.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici dan l-ammont ta’ mija u tmienja u disghin liri Maltin (Lm189.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, jithallsu interament mill-konvenut skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR